**Laqgħa Numru 16**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**1 ta' Settembru 2020**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fi Triq Santa Katerina, Xewkija, Għawdex. Il-laqgħa bdiet fl-4.40 ta' wara nofsinhar.

---

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Hubert Saliba | - Sindku |
| Paul Azzopardi | - Viċi Sindku |
| Jeanelle Attard | - Kunsilliera |
| Domenic Zerafa | - Kunsillier |
| Johnny Vella | - Kunsillier |

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard

## 16.1 Qari tal-Ittri ta’ Apoloġija

16.1.1 Ma kienx hemm ittri tal-apoloġija.

## 16.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

16.2.1 Il-minuti tal-laqgħa Nru 15 li saret nhar it-Tlieta 28 ta’ Lulju 2020 ġew approvati mill-membri tal-Kunsill preżenti u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 16.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

16.3.1 **Traffic Management fi Triq Vjal Il-Labour** Is-Sindku ppreżenta l-pjanta tar-round-about imsemmija kif ġiet proposta minn TM fuq il-mejda tal-Kunsill. Il-membri tal-Kunsill iddiskutew waqt li approvaw il-pjanta. Għaldaqstant il-Perit li kien ħadem fuq dan id-disinn oriġinarjament kellu jipprepara l-BOQ. Il-Kunsill iddiskutta t-traffic managements ta’ fejn tax-Xiber u fejn il-mużew tas-subien, ta’ Triq Il-Kanal u l-parking bays fi Triq tas-Sannat li l-Kunsill qed jistenna fuqhom minn TM.

16.3.2 **Triq Santa Eliżabetta** Is-Sindku spjega li fuq din it-triq imsemmija kienu nqalgħu ħafna intoppi minħabba li l-kuntrattur ried ipoġġu pajpijiet li skond il-WSC ma kienux dawk mitluba fit-tender. Is-Sindku spjega li sejjaħ laqgħa fuq il-post bil-preżenza tal-Perit tal-Kunsill, l-Inġinier tal-WSC u l-kuntrattur fejn anke intlaħħaq qbil. Is-Sindku elenka li ħafna mix-xogħol qed isir bl-idejn minħabba il-ħafna servizzi li hemm mgħoddija.

16.3.3 **Eco Park f’Tal-Barmil** B’referenza għal dan il-proġett is-Sindku spjega li kienet saret laqgħa mal-Inġinier Alexandra Camilleri fil-Kunsill fejn kienu mistiedna l-membri kollha tal-Kunsill. Preżenti għal-laqgħa kien hemm is-Sindku, l-Kunsilliera Jeanelle Attard u s-Segretarju Eżekuttiv fejn saret preżentazzjoni tal-proġett u ank tniżżlu xi punti li għaddew is-Sindku u l-Kunsilliera Jeanelle Attard lill-Inġiniera. Il-preżentazzjoni ġiet murija lill-Viċi Sindku u Kunsilliera Johnny Vella u Domenic Zerafa li ma setgħux jattendu l-laqgħa u ġie spjegat il-proġett. Il-Viċi Sindku stqarr li għalkemm il-proġett hu wieħed mill-isbaħ, il-mistoqsija tiegħu tibqa' kemm il-Kunsill se jkun kapaċi issostni dan il-proġett wara li jgħaddi l-maintenance agreement. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard stqarret li idejjaqha l-fatt li s-supplier tal-equipment li se jkun installat hu barrani għal raġunijiet fejn ikollok problema mhux se jaqdik ta’ malajr.

16.3.4 **Playingfield Tal-Ħamrija** Is-Sindku spjega li l-playhouse fil-Playingfield tal-Ħamrija ġiet imddawra bit-tape biex ma tkunx aċċessibli mit-tfal wara li ġie rrapurtat li ħarġu xi skaldi fiha u b'hekk jiġu evitati l-inċidenti. Il-Viċi Sindku u Kunsilliera Jeanelle Attard staqsew fejn waslu l-preparamenti biex ikun jista' jibda l-proġett meta hemm il-flus lesti u għadhom ma ntafqux. Is-Sindku spjega li biex il-Kunsill ikun jista' jiffirma l-Grant Agreement għad-DPF il-proċess hu wieħed twil. Il-Perit kien qed jipprovdi d-dokumenti mitluba min-naħa tac-CRPD. Il-Kunsilliera Attard talbet li nkunu kkupjati

fl-imejls li jibgħat lis-CRPD il-Perit biex naċċertaw li dan żgur qed jaħdem fuq il-proġett.

16.3.6 **Traffc Lights f'tal-Ħniena** Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li t-traffic lights kienu bdew jiġu installati fil-post imsemmi wara ħafna xhur ta' insistneza mill-Kunsill.

16.3.7 **Ġrajjiet Gaudos** Is-Sindku rrefera għat-talba mis-Sur Mizzi biex ngħinu waqt il-filming li se jinġibed fix-Xewkija billi nipprovdu packed lunch għat-tnax-il awtur li kienu se jkunu parti mill-cast. Il-Kunsill unaninament qabel li jingħata packed lunch waqt li kellha tinqala' t-tabella tal-Kunsill temporanjament sakemm isir il-filming.

## 16.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

16.4.1 ll-Kunsilliera Jeanelle Attard fuq l-iskart li qed ikun hemm fejn il-farmhouses tar-Rummiena li qed jispiċċaw jitqatgħu u jixxerred. Is-Sindku spjega li l-kuntrattur taż-żibel kien lest li jiġbor l-iskart dramment dan joħroġ skond l-iskeda tal-ġbir taż-żibel u jinħareġ fil-ħin stipulat. Is-Segretarju spjegat li r-ruling mid-Dipartiment kien li l-kuntrattur għandu jiġbor l-iskart tal-farmhouses anke jekk dawn qed jintuża għax-short let peress li l-allokazzjoni qiegħda fuq in-numru ta' propjetatijiet fil-lokalita'

16.4.2 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard reġgħet ġibdet l-attenzjoni li ż-żibel mhux qed jinġabar mill-isqaq Daħla Toni Camilleri, triq ġdida fi Triq Sansun u anke l-ewwel parti ta' Triq Il-Ħamrija, il-parti one way mhux qed jinġabar. L-istess Kunsilliera qalet li minkejja li hemm it-tabella r-residenti joħorġu ż-żibel f'din il-kantuniera. Is-Segretarju ħadet nota biex tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur mill-ġdid.

16.4.3 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard rrimarkat li bankina ta' fabbrika partikolari fl-Industrial Estate kienet ħarġet ħafna 'l barra. Is-Sindku spjega li din taqa' taħt ir-responsabilta' tal-MIP.

16.4.4 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard staqsiet rigward it-trailers li jtħallew lejl u nhar ipparkjat fi Triq Jean De La Valette u jekk il-Kunsill kienx bagħat għall-attenzjoni tall-pulizija. Is-Segretarju ħadet nota biex terġa' tinġibed l-attenzjoni. Is-Sindku spjega li hemm it-tabelli u kemm-il darba hu stess bagħat u ċempel hu stess.

16.4.5 Il-Kunsillier Domenic Zerafa ġibed l-attenzjoni li s-siġar taż-żebbuġ fi Ġnien Il-Ħaddiem għandhom bżonn żabra peress li f'erba' snin imħawwlin qatt ma nżabbru u titpoġġa lasta biex ma jibqgħux telgħin mgħawġin.

16.4.6 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard issuġġerriet li jixraq screen jitla' u jinżel fil-Boardroom. Il-Kunsill iddiskutta jekk għandux ikun fixed mal-ħajt jew le. Il-membri qablu li għandhom jinġabru l-istimi għall-screen installat mal-ħajt.

16.4.7 Il-Viċi Sindku staqsa jekk kienx ser jiġi offrut is-servizz tal-minibus għat-transport tal-iskola bħas-snin preċedenti. Il-Kunsill iddiskuta u l-membri unanimament qablu li dan is-servizz għandu jiġu offrut anke fiċ-ċirkustanzi tal-Covid-19 la l-iskola kienet se tiftaħ. Għaldaqstant kellhom jiġu miġbura l-kwotazzjonijiet.

16.4.8 Il-Kunsillier Domenic Zerafa ġibed l-attenzjoni fuq l-istat ħażin ta' Triq Torri Gorġun fejn talab li l-Kunsill jieħu ħsieb jkollu l-BOQs kemm tax-xogħol u anke tas-servizzi

tal-ilma u drenaġġ f'idejh u dawn jgħaddi lill-Ministeru t'Għawdex peress li din hi white road.

16.4.9 Il-Kunsillier Jeanelle Attard ffakkret rigward il-proġett tal-Learning Hub biex isir il-laqgħa mal-Perit u d-designer biex ikunu nista' nibdew naħdmu fuq dan il-proġett

16.4.10 Il-Viċi Sindku ppreżenta l-minuti tal-laqgħa tas-Sotto-Kumitat Kultura Anzjani u Integrita' Soċjali li saret fit-12 t'Awwissu 2020.

## 16.5 L-Użu tal-Istory Telling Room

16.5.1 B'referenza għall-korrispondenza li għaddiet is-Segretarju lill-membri tal-Kunsill li qed tiġi annessa ma' dawn il-minuti saret diskussjoni twila bejn il-membri tal-Kunsill. Inqrat stqarrija uffiċjali mill-Kunsilliera Jeanelle Attard u anke mis-Sindku. Is-Segretraju talbet li dawn jgħaddu l-istqarrija biex jiġu annessi mal-minuti. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard irrifjutati u talbet li s-Segretarju tieħu l-minuti tal-istqarrija. Fil-bidu tal-istqarrija mill-Kunsilliera Attard, is-Sindku ġibed l-attenzjoni li t-talba ma saritx kif suppost hekk kif it-talba ma saritx bil-miktub u anke suppost li l-Kunsilliera talbet permess lis-sedja qabel ħadet terzi biex jaraw l-istorytelling room fil-librerija. Il-membri tal-Kunsill talbu li s-Sindku kellu jibda jitlob permess anke hu jekk jieħu periti, etċ fuq xi post. Fl-istqarrija l-Kunsilliera Jeanelle Attard elenkat li tħoss li ġiet imalafamata wara li kien hemm qbil unanimu mill-membri preżenti biex tingħata għall-użu din il-kamra fil-Librerija wara li kien hemm qbil unanimu. Is-Sindku stqarr li l-Kunsill kien żgwidat hekk kif il-miżati ma ssemgħux meta saret it-talba oriġinarjament u l-Kunsilliera Jeanelle Attard anke stqarret li jista' jkun li tat x'jifhem li l-assessment kien se jingħata b'xejn. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard meta poġġiet il-proposta fuq il-mejda għad-diskussjoni semmiet li dan huwa servizz privat bi ħlas, ma kien hemm l-ebda oġezzjoni fuqha mill-membri preżenti. F'din il-laqgħa is-SE semmgħet klip mir-biex tikkonferma dan. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard qrat li s-Sindku kien kellimha dwar il-ħsieb li jitlob skont kemm għalih u anke għall-Kunsilliera Jeanelle Attard li kienet se tagħmel użu mis-servizz. Is-Sindku rribata li l-iskont riedu mhux biss għalih u għal Kunsilliera Attard imma għar-residenti kollha tax-Xewkija li kellhom bżonn is-servizz. Il-Kunsill Jeanelle Attard irribatttiet u stqarret li s-Sindku kien qed iggidiba u li dan mhux minnu u li kienet lesta tiġbor ir-recordings jekk hemm bżonn. FL-istqarrija kompliet tgħid li s-Sindku kien kellemha fl-4 t'Awwissu 2020 fejn infurmaha li wara li talab skond lid-Direttur tal-POTS għalih personali din irrifjutat u qaltlu inkella tkun tipperġudikka ġenituri oħrajn li għandhom l-istess problema u s-Sindku kien qallha li minn dak li kien miftiehem m'hemm xejn. Il-Kunsilliera kienet weġbitu li s-Sindku ma kienx jista' jħassar deċiżjoni tal-Kunsill waħdu u li l-preparamenti kienu saru u anke l-ġenituri nfurmati. Is-Sindku wieġeb li ma kienx se jieħu deċiżjoni waħdu

16.5.2 Il-Kunsilliera Attard anke semmiet kunsilli oħra li kienu taw premises tagħhom għall-kant. Is-Sindku staqsa li dan mhux sew li jingħataw iċ-ċavetta. Skond il-Kunsilliera Attard, il-Kunsill ma kienx se jikser l-ebda liġi jekk jagħti l-kamra għax għandu x'jaqsam biss mal-NGO. Hawnhekk is-Segretarju ġibdet l-attenzjoni li din li għax Kunsilli oħra jaġixxu mod, il-Kunsill għandu dritt jaġixxi bħalhom hi redikola għax il-Kunsill għandu jimxi skont il-liġi u d-direzzjoni tad-Dipartiment. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard għamlet referenza li l-President tal-NGO kienet żammet lill-Ministeru

t'Għawdex nfurmat bl-iżviluppi ġodda. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard qalet li saħansitra s-Sindku kien skuża ruħu peress li kien għaddej minn żmien diffiċli. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li l-Kunsilliera Jeanelle Attard kienet insit tniżżel fl-istqarrija li hi kienet stqarret miegħu li hi ukoll kienet għamlet ħażin meta tas-servizz tal-minibus għall-iskola kienet naqset milli tħallas. Hawnhekk akkużat lis-Sindku li anke hu kien għamel użu minn dan is-servizz. Is-Sindku rribatta li dan mhux minnu. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard iġġustifikkat l-aġir tagħha peress li din kienet dejjem in-norma tal-Kunsill u stqarret li dan kien nuqas tal- l-istaff li naqas milli jiġbdilha l-attenzjoni. Il-Kunsilliera Attard stqarret li m'għandha l-ebda probleme tħallas lura tas-servizzi li ħadet b'xejn waqt li nsistit li kull minn hu fuq il-mejda tal-Kunsill għandu jħallas għas-servizzi li ħa b'xejn.

16.5.3 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard ċemplet lid-Direttur tal-Pots tistaqsi x'kien il-kliem meta ċemplilha s-Sindku. Fil-bidu stqarret li l-iskont kien għalih imma meta s-Sindku rribatta li l-iskont mitlub ma kienx biss għalih u li hu kien talab skont inġenerali, id-Direttur spjegat kif dan idiskuttew kif wieħed seta' japplika għal skema taħt il-Fondi Ewropej. Il-Kunsillera Attard sa ħarġet l-irċevuta tas-servizz li hi ħadet m'għand l-OT. Il-Kunsilliera baqgħet tistqarr li l-kwistjoni hija biss dwar jekk il-premises kienx ser ser jingħata jew le u l-fatt jekk is-servizz hux se jingħata bi flus jew le m'għandux jidħol fih l-Kunsill. Is-Sindku rreferra għall-fatt li waqt li fil-bidu l-kamra intalbet għall-ġurnata sa jumejn issa kienet intalbet mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn it-8.00am sat-8.00pm. Il-Kunsilliera stqarret li dan ma kienx jiddependi minnha jekk id-domanda kienet kbira u hi ma kinitx taf kemm se tintuża. Hawnhekk is-Segretarju ġibdet l-attenzjoni li kienet fi dmir li tkun taf taf jekk kienet hi stess li qabdet minn jedda għaddiet iċ-ċavetta anke jekk f'imejl mis-Segretarju kienet ġiet mitlubha li l-NGO ma kellhomx jibdew jużaw il-kamra qabel jiġi ffirmat il-ftehim, l-istess ftehim li d-Dipartiment kien informa lill-Kunsill li qatt ma seta' jiġi ffinalizzat.

16.5.2 Is-Segretarju qalet ppublikament li hi qed tagħmel dmira billi qed tinforma lill-Kunsill bil-gwida li rċeviet mid-Dipartiment li l-kamra ma tistax tingħata peress li m'hemmx Bye-Law biex tinkera l-kamra fil-librerija u anke peress li l-Kunsill hu fid-dover li jaċċerta li jkun hemm kompetizzjoni ġusta skont ir-regolamenti t'akkwist pubbliku u għaldaqstant qed tneħħi minn fuqha r-responsabilta' minn fuqha meta l-Kunsill qed ikompli jinsisti li jmur kontra dak mitlub mid-Dipartiment.. Il-Kunsill iddiskutta li l-Kunsill mhux se jitlob ħlas u ma kienx jdħol fiha li dan is-servizz se jingħata bi ħlas għax l-iskop hu bis li l-Kunsill jgħin lill-NGO. Is-Segretarju spjegat li hi bagħtet għall-gwida lid-Dipartiment anke peress li l-Kunsilliera Attard kienet talbet li l-pariri noħduhom mingħand id-Dipartiment u mhux mingħand Mario Fava. Is-Segretarju insistiet li kienet infurmat kemm lis-Sindku u anke lill-Kunsilliera Jeanelle Attard li qabel ma jiġi ffirmat l-agreement ma setgħux jibdew jagħmlu użu mill-kamra. Il-Kunsilliera Jeanelle Attard rribatiet li hi tat kopja taċ-ċavetta peress li f'diskursata s-Segretarju kienet qaltilha biex ma toqgħodx tmur tiftaħ u tagħlaq hi imma jkollhom kopja f'idejhom. Is-Segretarju ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsilliera Jeanelle Attard ma kellha l-ebda dritt li żżomm ċavetta fil-pusess tagħha minn Frar, wara li kienet ġiet għaliha l-Kunsill wara li kienet tkellmet mas-Sindku imma naqset milli tinforma furmat lis-Segretarju u lis-sedja biex tkun tista' tagħmel użu mil-librerija għall-klassijiet ta' tagħlim għall-Year 4 bla ħlas fil-librerija. Il-Kunsilliera spjegat li ċ-ċavetta kienet

ġibitha fis-19 t'Awwissu u ħallietha fuq l-iskrivanija tal-Ass Prinċipal Xuereb mingħajr ma nfurmat lilu jew lis-Segretarju Eżekuttiv. Għaldaqstant ċemplet ukoll lill-Ass Prinċipal fejn qalilha li hu ma kienx jaf jekk għadditlux iċ-ċavetta jew le.

16.5.3 Il-Viċi Sindku stqarr li din il-kwistjoni ġiet minfuħa ħafna għal xejn hekk kif l-iskop kien biss li nkunu t'għajnuna għal tfal li għandhom bżonn dan is-servizz.. Għaldaqstant il-Viċi Sindku ssuġġerriexxa li terġa' tintbagħat komunikazzjoni lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn tiġi mitluba klarifika mill-ġdid peress li dan is-servizz diġa' beda jiġi offrut. Dan anke tort li d-Dipartiment dam ħafna ma bagħat risposta lura u anke jekk is-Segretarju kienet ħadet ħsieb tinforma li qabel ma jsir il-ftehim ma kellhomx jibdew użaw il-kamra. Il-Kunsillier Domenic Zerafa sostna li jħoss li l-Kunsill għandu jgħin lil din l-NGO kif jgħin NGOs oħrajn li per eżempju jtellgħu attivita' fi Ġnien Blankas. Is-Segretarju spjegat li f'dak il-każ huwa differenti hekk kif jitħallas permess t'attivita'. Il-Kunsillier Zerafa kompla jgħid li fl-aħħar mill-aħħar hu jimxi dejjem fuq il-parir tad-Dipartiment. Il-Kunsill unanimanent iddeċieda li għandha tintbagħat korrispondenza immedjatament lid-Direttur tad-DLG għal kjarifika ġdida u jekk d-deċiżjoni tkun persistenti u tibqa' l-istess l-NGO jkollha tieqaf tuża l-kamra.

16.5.4 Is-Sindku qara l-istqarrija tiegħu li qed tiġi annessa mal-minuti.

## 16.6 Rapporti tal-Evalwazzjoni: Tender Triq Il-Kbira

16.6.1Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lill-membri ir-rapport ta' Evalwazzjoni b'rabta mal-offerta għar-Resurfacing ta' Triq Il-Kbira. Il-membri approvaw ir-rapport tal-evalwazzjoni kif anness mal-minuti.

## 16.7 Bord tal-Evalwazzjoni fuq is-Sejħa tal-Offerti

- Period Contract for Road Repairs and Asphalting Works in Xewkija
- Tender for Streeet Sweeping and Cleaning of Urban Roads Low Emission Service Vehicles -Xewkija Local Council

16.7.1. Il-membri tal-Kunsill unanimament qablu li fuq it-Tender Period Contract for Road Repairs and Asphalting Works in Xewkija kellhom jinħatru bħala evalwaturi l-Perit Mario Cordina, l-accountant Darren Mercieca u l-avukatDr Kevin Mompaloa waqt li ċ-Chairperson joqgħod William Sultana u s-Segretarju tal-Bord is-Segretarju tal-Kunsill

16.7.2 Fuq it-Tender for Street Sweeping and Cleaning of Urban Roads Low Emission Service Vehicles-Xewkija Local Council l-evalwaturi maħtura unanimament mill-membri tal-Kunsill huma Ivan Attard, Dr Kevin Mompaloa u Darren Mercieca. Chairperson kellu jkun William Chetcuti u Segretarju, is-Segretarju tal-Kunsill.

## 16.8 Bord tal-Evalwazzjoni fuq is-sejħa għall-ħaddiem tal-Maintenance taħt l-Iskema CIEs

16.8.1 Il-membri tal-Kunsill unanimament qablu li fuq il-Bord tas-Selezzjoni għall-ħaddiem taħt l-iskema CIES Scheme joqogħdu s-Sindku, l-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Jeanelle Attard.

## 16.9 Kompetizzjoni Permanent Sustainable Mobility Measures

16.9.1 Il-Kunsill iddiskutta l-kompetizzjoni minn Transport Malta li kienet ser tagħlaq fil-25 ta’ Settembru 2020 u kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill kellu japplika għall-minibus li tkun tista’ tintuża biex noffra servizz tat-transport lir-residenti anzjani u anke biex taqdi lill-istudenti.

**16.10 Korrispondenza u Ilmenti**

16.10.1 28/07/2020 Korrispondenza mingħand ix-Xewkija Tigers Nursery fejn talbu biex jagħmlu tournament tal-football fl-okazzjoni ta’ Fiori D’Argenta.

16.10.2 30/07/2020 Planning MT – Newsletter Issue no 23/30.

16.10.3 30/7/2020 Korrispondenza mingħand Għaqda Armar fejn spjegaw lis-Segretarju Ezekuttiv x’inhuma l-ispejjez li ser ikollhom waqt l-ikla ta’ San Gwann Qtugh ir-Ras.

16.10.4 03/08/2020 Korrispondenza mingħand is-Segretarja Ezekuttiv lil Assistant Principals, lis-Sindku u Membri tal-Kunsill dwar id-direttivi li ħargu meta nagħtu xi permess ghal divertiment.

16.10.5 04/08/2020 Re Dokument tal-AKL dwar Ġbir u mmanigjar ta’ l-iskart.

16.10.6 04/08/2020 Korrispondenza minghand Voice for Inclusion Ms Paulina Said lis-Sindku u Kunsilliera fejn kitbet ittra dwar l-użu ta’ kamra li hemm fil-librerija għat-tfal li għandhom bżonn terapija.

16.10.7 05/08/2020 Korrispondenza minghabd is-Segretarja Ezekuttiva lis-Sindku u Kunsilliera biex Fior D’Argenta titħassar minhabba l-Covid 19.

16.10.8 05/08/2020 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard qablet dwar dan u qalet hi u ohrajn mhux ser jattendu jekk issir.

16.10.9 05/08/2020 Cirk AKL 2020/087 Launch of Code Week 2020.

16.10.10 06/08/2020 Cirk AKL 2020/088 Opportunity Knocks OK Project – Agenzija Appogg.

16.10.11 10/08/2020 Cirk AKL 2020/090 Europepan Mobility Week Documents.

16.10.12 11/08/2020 Korrispondenza mingħand il-Kumitat tan-Nar tax-Xewkija lis-Sindku u Kunsilliera fejn infurmahom li fil-Festa ta’ San Ġwann Qtugh ir-Ras ser isir logħob tan-nar tal-ajru.

16.10.13 11/08/2020 Korrispondenza minghand is-Segretarjat Parlamentali tal-Anzjanita Attiva u Persuni b’dizabilita fejn informa lis-Sindku u Kunsilliera li bhas-snin l-imghoddija ser jinghata l-Premju Anzjan tas-Sena.

16.10.14 11/08/2020 Korrispondenza mingħand il-KIP Ltd fejn gejna infurmati li l-ġbir tal-iskart domestiku fil-festa ta’ Santa Marija ser isir bħas-soltu.

16.10.15 11/08/2020 Korrispondenza mingħand is-Segretarja Ezekuttiv tan-Nadur fejn infurmatna li hemm vakanza ghall-post ta' Supervisor Scale 16 li jistghu japplikaw ghaliha nies li jahdmu mal-Kunsilli.

16.10.16 11/08/2020 Korrispondenza lil Marthese Camilleri minghand is-Segretarja Ezekuttiv dwar ħlasijiet on line.

16.10.17 18/08/2020 Cir AKL 2020/092 European Mobility Week Documents.

16.10.18 18/08/2020 Cir AKL 2020/059 Active Ageing and Community Care Application.

16.10.19 13/08/2020 Korrispondenza mingħand is-Segretarju Ezekuttiva fejn infurmat lis-Sindku u Kunsilliera biex jattendu fis-19 ta' Awissu, 2020 ghall-Prezentazzjoni ta' Eco Park Presentation tal-Barmil li ser tigi preżentata mill-Ing. Camilleri u PS Anthony Gatt.

16.10.20 21/08/2020 Korrispondenza mingħand l-Assoccjazzjoni Kunsill Lokali dwar Cir AKL/2020 European Mobilty Week lis-Segretarja Ezekuttiva u Membri tal-Kunsill.

16.10.21 21/08/2020 Risposta minghand Jeanelle Attard fejn ghamlet suġġeriment fuq Cir AKL/2020 European Mobility week.

16.10.22 21/08/2020 Korrispondenza minghand l-Assistant Principal lis-Sindku u Kunsilliera fejn għaddilhom d-dokumenti marbuta mac-Cirk 2020/092 dwar European Mobility week.

16.10.23 25/08/2020 Korrispondenza mingħand Silvana Agius riggward Direttiva 4/2020 l-Uzu tal-Internet Banking indirizzata lis-Sindki, Vici Sindki, Segretarji Ezekuttivi u l-Kunsill biex kemm jista jkun l-pagamenti jsiru mill-Internet Banking.

16.10.24 26/08/2020 Skeda ta' Pagamenti mibghuta mill-Assistant Principal lis-Sindku u Kunsilliera.

16.10.25 26/08/2020 Korrispondenza mingħand is-Segretarja Ezekuttiv lis-Sindku u Kunsilliera fuq l-użu tal-iStorytelling Room fil-Librerija.

16.10.26 26/08/2020 Agenda 16 mibgħuta lis-Sindku u Kunsilliera mingħand is-Segretarju Ezekuttiv.

16.10.27 26/08/2020 Cir AKL 2020/092 – Re European Mobility Weeks Documents extension for application for small events and activities competition.

16.10.28 26/08/2020 Is-Segretarj Ezekuttiv talbet lista tal-Farmhouses irregistrati fix-Xewkija lis-Sur John Bonnici tal-MTA.

16.10.29 31/08/2020 Ittra rigward Christmas in Gozo tentative 2020 mibgħuta mill-Ministeru t'Għawdex

16.10.30 27/08/2020 Direttiva 6/2020 mid-Dipartiment Kunsilli Lokali, spejjez tat-Tribunal Lokali mibghuta lis-Sindku, Vici Sindku, Kunsilliera u Segretarja Ezekuttiva.

16.10.31 28/08/2020 Cir AKL 2020/089 Entente Florale Europe lis-Sindku, Kunsilliera u Segretarju Ezekuttiv.

16.10.32 28/08/2020 Re Cir AKL 2020/089 fejn il-President tal-AKL informal is-Sindki, Kunsilliera u Segretarji Ezekuttivi li ser ikunu qed ihallsu l-Membership fee.

16.10.33 28/08/2020 Direttiva 5/2020 Depozitu ta' Flus fil-bank mibghuta minghand Silvana Agius @ DLG fejn talbet li din ic-cirkulari ghandha tintbaghat lill-Kunsilliera kollha.

16.10.34 28/08/2020 Invit mill-Arċipiriet lis-Sindku u Kunsilliera għall-Pontifikal fl-okkażjoni tal-festa tal-Qtugħ Ir-Ras ta' San Ġwann

16.10.35 28/08/2020 Minuti tal-Laqgħa Nru 15 mibgħuta lis-Sindku u Kunsilliera

**16.11 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

16.11.1 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard insistit li l-pagi tal-ħaddiema u l-allokazzjonijiet għandhom ikunu separati u mhux kollettivi. Hi ppreżentat l-iskeda ta' pagamenti ta' raħal ieħor tinsisti li kif jitniżżlu l-pagi għandha tkun deċiżjoni tal-Kunsill. Is-Sindku spjega li l-pagi fl-iskeda tar-reġjun jittelgħu kollettivi. Is-Segretarju spjegat li hi talbet gwida lid-Dipartiment u d-direzzjoni kienet li dawn għandhom jidħlu b'mod kollettiv. Is-Segretarju reġgħet qrat l-imejl li ntbagħtet mis-Sa Psaila f'Ġunju 2020. Il-Viċi Sindku spjega li għandu naraw li nimxu mal-proċedura.

16.11.2 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill li kienet intbagħtet mal-Aġenda għall-attenzjoni tal-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**16.12 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss**

16.12.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.30pm.Il-Kunsilliera preżenti unanimament qablu li s-seduta li jmiss għandha ssir nhar is-7 t'Ottubru 2020 fl-4.30pm.

Konfermati, illum **7 t'Ottubru 2020**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ____________________ | ____________________ |
| Hubert Saliba | Marion Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |